# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 18**

**Rikors numru 253/14/1 AF**

**Maria Dolores *sive* Doreen Demarco**

**v.**

**Christopher Demarco**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet l-attriċi fis-27 ta' Marzu 2014, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 1999 u bejniethom kienet tirrenja l-komunjoni tal-akkwisti;
>
> 2. Illi fil-11 ta' Diċembru 2013, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni redatt min-Nutar Dottor Ivan Barbara (Dok. DD1);

3. Illi l-kunsens tal-esponenti ġie karpit bi vjolenza diretta, inġusta, gravi u determinant kommessa fuqha mill-intimat u dan kif ser jirriżulta ampjament waqt l-mori tal-kawża;

4. Illi għal tali abbozz, l-esponenti ma kelliex l-possibilita` li tkun assistita;

5. Illi per konsegwenza ta' tali kuntratt, l-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, salv għall-vettura waħda ġew assenjati lir-raġel intimat; (kopja tal-inkartament kollu qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. DD2);

6. Illi jirriżulta wkoll mill-inkartament hawn anness u mmarkat Dok. DD2, li nhar il-31 ta' Jannar 2013, quddiem in-Nutar Ivan Barbara in segwitu għall-digriet tal-Onorabbli Qorti (Ġurisdizzjoni Volontarja), l-intimat bi ħsieb ħażin u b'għemil doluż intiż sabiex jippreġudika l-interessi tal-esponenti ddikjara illi l-assi immobbli kienu qed jiġu assenjati lilu, stante li dawn inxtraw minn flus li kienu parafernali tiegħu; <u>din id-dikjarazzjoni, għal kuntlarju ta' dikjarazzjonijiet oħra, qatt a ġiet ikkonfermata bil-ġurament u dana minkejja li l-Qorti kienet ordnat li dan iseħħ</u>;

7. Illi l-esponenti ma fehmitx u ma ġiex spjegat lilha l-import ta' tali dikjarazzjoni;

8. Illi għaldaqstant, il-kunsens tar-rikorrenti fuq l-imsemmi kuntratt, mhux biss ġie meħud bi vjolenza iżda wkoll b'għemil doluż da parte tal-intimat a bażi ta' dikjarazzjoni falza;

9. Illi għalhekk l-esponenti qed tipprosegwi f'din l-istanza fejn qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita`;

Jgħid għalhekk l-intimat, għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-kuntratt datat 11 ta' Diċembru 2013, in atti tan-Nutar Ivan Barbara, huwa null u bla effett għaliex il-kunsens tal-attriċi ġie karpit bi vjolenza u theddid kommessi mill-intimat fuq ir-rikorrenti;

2. Tiddikjara illi l-kuntratt datat 11 ta' Diċembru 2013, in atti tan-Nutar Ivan Barbara, huwa null u bla effett għaliex il-kunsens tal-attriċi ġie karpit bi għemil doluż da parte tal-intimat;

3. konsegwentement, tirrexxindi u tannulla għal kollox il-kuntratt tal-11 ta' Diċembru 2013, in atti tan-Nutar Ivan Barbara;

4. Taħtar u tinnomina Nutar Pubbliku u tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att ta' rexxissjoni relattiv, u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat, fl-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa inġunt in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa illi:

"1. ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminary, l-azzjoni attriċi hija nulla u rritwali stante li r-Rikors Ġuramentat odjern huwa konfuż u t-talbiet huma redatti b'mod lankoniku għall-aħħar b'tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli għall-konvenut li jiddetermina il-bażi tal-azzjoni attriċi u konsegwentement l-konvenut qed isofri preġudizzju peress li mhux f'posizzjoni li jkun jista' jiddefeni ruħu adegwatament għall-allegazzjonijiet tal-atturi;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti billi ma kien hemm ebda vjolenza u theddid min-naħa tal-esponenti u konsegwentement il-kuntratt ippublikat fil-11 ta' Diċembru 2013 in atti tan-Nutar Ivan Barabara huwa validu u vinkolanti;

3. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti billi ma kien hemm ebda għemil doluż min-naħa tal-esponenti u konsegwentement il-kuntratt ippublikat fil-11 ta' Diċembru 2013 in atti tan-Nutar Ivan Barbara huwa validu u vinkolanti;

4. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost il-kuntratt imsemmi sar skont kif miftiehem bejn il-partijiet u percio l-kuntratt *de quo* huwa għal kollox validu skont il-liġi;

5. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma bbażati fuq allegazzjonijiet foloz;

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li hija minn issa nġunta in subizzjoni".

3. Rat is-sentenza preliminari li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat fl-10 ta' Lulju, 2014, li in forza tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali;

4. Rat is-sentenza finali li tat l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2019, li in forza tagħha ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi, bl-ispejjeż jitħallsu kwantu għall-tliet kwarti mill-istess attriċi u kwart mill-konvenut;

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Maria Dolores Demarco qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara null u bla effett kuntratt ffirmat minnha u minn zewgha biex jifirdu l-gid tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Hija ssostni li r-raguni ghat-talba taghha hija ghaliex il-kunsens taghha fuq l-istess kuntratt ma jghoddx ghaliex frott ta' eghmil doluz u vjolenza da parti ta' zewgha.
>
> Mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1999 u bejniethom kien japplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Xi snin wara, nqalghu problemi serji bejniethom, fosthom minhabba relazzjonijiet extra-maritali tar-rikorrenti odjerna, minnha ammess ukoll f'dawn il-proceduri. Ir-ragel fittex parir legali u gie deciz li l-partijiet ixolju l-komunjoni tal-akkwisti u jidhlu fi ftehim ta' separazzjoni tal-beni. Fl-imsemmi kuntratt debitament awtorizzat mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, il-gid tal-komunjoni gie assenjat lir-ragel ghajr ghal vettura wahda.
>
> Ir-rikorrenti tibda billi tallega li l-kunsens taghha fuq il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni ma jiswiex ghaliex frott ta' ghemil doluz da parti ta' zewgha.
>
> In linea ta' principju huwa kostantement ritenut illi:
>
>> *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata – pacta sunt servanda."* – (Beacon vs Spiteri Staines – 5 ta' Ottubru 1998).
>
> L-Art. 981(1) tal-Kap. 16 jipprovdi illi:
>
>> *"L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta."*
>
> Kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Galea vs Zammit (Vol. XXIV.i.203):

> *"I seguenti sono principi cardinali consacrati dalla giurisprudenza intorno al dolo in materia civile :*
>
> *(1) Il mantenimento dei contratti e' di interesse generale, perche' e' principio d'ordine pubblico e di pubblica economia che i titoli di proprieta' sian fermi e stabili : siffata considerazione impone che nella causa d'impugnazione di contratto per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche' non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore.*
>
> *(2) I principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso (Laurent XI,127).*
>
> *(3) A provare il dolo bastano gli indizi e le congetture, purche' siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita' o il contratto impugnato e' stato l'effetto dei raggiri usati dall'altra parte o da terzi."*

Inoltre, fis-sentenza Galea vs Caruana Montalto (16 ta' Dicembru 1970):

> *"... id-dolo jirnexxi meta ma jhallix il-vittma zmien u hsieb biex jirrezisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' rezistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fiha."*

Ir-rikorrenti targumenta li l-ghemil doluz minnha lamentat huwa essenzjalment dikjarazzjoni inveritjiera li zewgha ghamel fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-sens li l-gid tal-komunjoni kien principalment parafernali tieghu. Dan l-argument, fil-fehma tal-Qorti, mhuwiex gustifikat. Kieku r-rikorrenti odjerna kellha xi dubbji dwar il-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, setghet tagixxi fir-rigward. Hija kienet kompartecipi attiva fil-process quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Issottomettiet id-dikjarazzjonijiet mitluba flimkien ma' zewgha. Iffirmathom u kkonfermathom bil-gurament. Attendiet diversi drabi ghand in-Nutar tul il-procedura. Finalment attendiet liberament ghand in-Nutar biex jigi ffirmat il-kuntratt finali. Baqghet ma fittxet ebda parir legali indipendenti, u dan minkejja li n-Nutar stess avzaha li kellha tfittex parir legali ghar-rasha. Ma kienitx kuntenta però baqghet biex iffirmat kuntratt li kienet taf ser jizvantaggaha ekonomikament, tassew kaz ta' "*imputet sibi*".

Ir-rikorrenti tallega wkoll illi l-kunsens taghha gie mehud bi vjolenza, u cioè theddid.

L-Art. 974 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

> *"Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa."*

L-Art. 978 ikompli billi jipprovdi illi:

*"(1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.*

*(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

Gie ritenut fis-sentenza Soler vs Campbell (Vol. XXXIII.ii.431):

*"Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta' nullità tal-kuntratt ghaliex tostakola l-libertà tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu però necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annullat minhabba l-vjolenza jehtieg li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun gie estratt bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens … u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divers. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta' forza nsormontabbli ghal dak li jkun ta' l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk – proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens."*

Fis-sentenza Bartolo vs Bartolo (Vol. XXIX.II.749) intqal illi:

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi … il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-gudikant."*

Il-Qorti fliet minuzzjozament kull prova li ressqet ir-rikorrenti u ma ssibx illi qatt ezistiet dik ix-xorta ta' vjolenza morali li l-ligi u gurisprudenza jehtiegu sabiex ikun jista' jigi dikjarat kuntratt null.

Ir-rikorrenti stess tammetti illi t-theddid li sar fuqha kien it-theddid tas-separazzjoni. Jirrizulta pruvat ukoll bl-ammissjoni tar-rikorrenti stess illi l-hsara li kienet qeghda tigi mhedda biha kienet il-procedura tas-separazzjoni.

Hija tixhed hekk:

*"Hu kien jheddidni li ser jigi javvelini fuq ix-xoghol u jghid lil qraba u l-hbieb tieghi. Kien jheddidni issa tara x'gej ghalik. Jiena f'dawk ic-cirkustanzi hassejt li ma kellix ebda ghazla."* - (fol. 196);

*""Jiena ma kellix ghazla ohra hlief li mmur niffirma l-kuntratt. Jiena ovvjament kont mhedda. Ir-ragel kien jheddidni li jekk ma jsirx dak il-*

*kuntratt kien jissepara u kien jghidli, "issa tara x'gej ghalik." Il-kawza tas-separazzjoni kont ftahtha jiena u l-kawza ghadha ghaddejja.""* – (fol. 228).

Hija tiddikjara wkoll illi zewgha kien jheddidha li ser javveliha man-nies. Ma giet mheddha b'ebda konsegwenza ohra. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li kienet qeghda tigi "mhedda" bih kien konsegwenza logika ta' ghemilha stess. Il-prospett ta' separazzjoni personali wara diversi incidenti ta' mgieba mhux xierqa fiz-zwieg ma jistax jitqies li incida b'mod tali fuq il-volontà taghha sabiex ixejjen ghal kollox dik il-volontà.

Hadd ma sfurzaha tattendi ghand in-Nutar biex tiffirma l-kuntratt. Baqghet tirrifjuta li tfittex parir legali qabel tiffirma. Kienet ilha taf li ser tigi zvantaggata bis-separazzjoni tal-beni però ma hadet ebda pass tul iz-zmien kollu li baqghet ghaddejja l-procedura quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. In-nutar jixhed illi fil-gurnata tal-iffirmar tal-kuntratt hija "ma kienitx qed thossha at ease", però in-nutar ikompli jixhed illi kieku nduna li kienet qed taghmel xi haga kontra l-volontà taghha, huwa ma kienx jippubblika l-kuntratt. Ma giex pruvat lil din il-Qorti li kienet qed tbati minn dik il-"grave lesione dell'integrità fisica e morale" (Vol. XXIX.ii.749), "ingiusta ed illegittima" (Vol. XXVIII.iii.878).

Kif ritenut fis-sentenza Calleja vs Buttigieg (12 ta' Dicembru 2002):

> *"f'terminu legali biex dan it-"theddid" jew "pressjoni" jista' jwassal ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li dan jahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghla tibza' li hija innifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira (Art. 978 (1) Kodici Civili). Jinghad illi biex dan jissucciedi t-theddid li jivvizzja l-kunsens irid ikun determinanti, ingust u gravi ("Emmanuel Falzon -vs- Anthony Farrugia, Appell, 21 ta' April 1997).*
>
> *Minn dak rakkontat mill-appellanti ma jirrizultax illi l-kondizzjoni mentali taghha meta ffirmat kien talment agitat minn xi "grave lesione dell'integrità fisica e morale" (Vol. XXIX pII p749), "ingiusta ed illegittima" (Vol XXVIII pIII878). Fir-realtà hi baqghet inattiva ghall-ahhar. Dan isib spjega ukoll pjuttost fl-impressjoni ta' dak ravvisat fis-sentenza, "Giuseppe Tirchett et -vs- Giorgio Mangion", Appell Civili, 22 ta' Mejju 1931, u cioè li "in quel momento fu libero di scegliere quell'atto od uno diverso, ma solo scelse quello per contwentare … … o per vivere in pace e non avere dei contrasti…".*

Finalment, kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Camilleri vs Vella (9 ta' Gunju 2003),

> *"l-istat ta' anzjetà u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, ghax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jaghmel, il-kuntratt m'ghandux jithassar."*

Lanqas m'huwa ser jithassar f'dan il-kaz.

> Hija kellha xhur twal ta' opportunità biex tqis is-sitwazzjoni taghha. Setghet terga tahsibha. Setghet tfittex parir.
>
> Hija m'ghamlet xejn minn dan. Anzi, ipprocediet biex tattendi ghand in-Nutar u tiffirma l-kuntratt. Baqghet tinjora l-parir tan-Nutar li tfittex parir minghand Avukat u ghazlet li tiffirma l-kuntratt li kienet taf li qieghed jizvantaggaha serjament".

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attriċi li in forza tiegħu u għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

> "…jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Novembru 2019 u dana billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi.
>
> Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat".

7. Rat ir-risposta u l-appell inċidentali tal-konvenut li in forza tagħhom, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "…jogħġobha fl-ewwel lok tiċħad l-appell tal-appellanti Maria Dolores sive Doreen Demarco għas-sentenza appellata fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doreen Demarco vs Christopher Demarco** mogħtija nhar it-13 ta' Novembru 2019 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u fit-tieni lok tħassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-esponent Christopher Demarco ġie attribwit bi kwart tal-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti Maria Dolores sive Doreen Demarco".

8. Rat ir-risposta tal-attriċi għall-appell inċidentali tal-konvenut li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, tissottometti illi l-appell inċidentali tal-konvenut appellat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih;

9. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

11. Illi f'din il-kawża jirriżulta li l-partijiet iżżewġu f'Ottubru tal-1999, iżda wara li nqala' diżgwid bejn il-koppja (skont il-konvenut, peress li martu kellha wiċċ ħaddieħor u kienet tberbaq il-flus), fil-11 ta' Diċembru, 2013, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni li bih l-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, ħlief għall-vettura waħda, ġew assenjati lir-raġel, il-konvenut. L-attriċi qed tattakka l-validita` ta' dan il-kuntratt peress illi tallega li l-kunsens tagħha kien karpit bil-vjolenza u *dolus* (li tajjeb li jingħad f'dan l-istadju, ma jistgħux jissussistu flimkien).

12. L-ewwel Qorti, wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza in materja, ċaħdet it-talbiet attriċi wara li osservat li ma jirriżultax la theddid ta' vjolenza kif trid il-liġi, u lanqas li hi ġiet ingannata biex tiffirma l-istess kuntratt.

13. L-attriċi appellat mis-sentenza u qed tinsisti li l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni li jappartjenu lilha u lil żewġha għandu jitħassar peress li żewġha kien jheddidha u ffirmat il-kuntratt għax kienet tibża' minnu.

14. Din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, ma tarax li l-attriċi ppruvat il-każ tagħha u sejra taqbel mad-deċiżjoni li tat l-ewwel Qorti. It-theddid, skont hi, kien jikkonsisti billi żewġha kien jgħidilha li jekk ma tiffirmax il-kuntratt "javvelliha", u li jiftaħ kawża ta' separazzjoni u mbagħad tara x'inhu ġej għaliha. Dawn huma stqarrijiet vagi wisq biex jistgħu jammontaw għal vjolenza. Il-Liġi trid li l-vjolenza tkun reali u t-theddid ikun ta' vjolenza fiżika impellenti u li ma setax jiġi evitat. Mhux biżżejjed li dak li jkun "jhedded" bi proċeduri ġudizzjarji li jistgħu jkunu ta' mistħija għall-parti l-oħra. Il-fatt li l-attriċi setgħet kienet fi stat ta' anzjeta` b'dak kollu li kien qed jiġri la jfisser li hi ma kinitx taf x'inhi tagħmel u lanqas li hi ġiet imġiegħla tagħmel dak li għamlet. Fuq kollox, jekk kienet qed tiġi mhedda, kellha kull opportunita` tirrimedja. Il-proċedura kollha, kif spjega n-nutar li rrediġa l-att, damet sejra fuq sena, u l-attriċi setgħet mhux biss tirrileva l-biża' tagħha lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (li quddiemha tressaq l-att għall-awtorizzazzjoni), iżda anke lill-Pulizija. Kif ingħad, fil-verita`, ma kien hemm xejn x'jiġi rapportat. Jekk hu veru li l-attriċi marret ma' raġel ieħor, u żewġha kien lest jikxef kollox f'kawża ta' separazzjoni, dan ma jwassalx għall-vjolenza kif kontemplat fil-Liġi. Ta' min jiġi nnottat li l-attriċi qatt ma avviċinat avukat ta' fiduċja tagħha biex tħares l-interessi tagħha, imma kienet kuntenta tkellem lill-avukat ta' żewġha li ħa ħsieb imexxi l-proċedura bl-assistenza tan-nutar.

15. Il-vjolenza trid tkun gravi u impellenti, fis-sens li ma tagħtix ċans lill-vittma joħroġ minn dik is-sitwazzjoni. Hija kienet ben konxja mis-sitwazzjoni u kienet taf x'ried żewġha u għal xhiex kienet sejra tiffirma. Ma jistax jingħad li dak li seħħ kien indipendenti mill-volonta` tagħha. Interessanti huma l-osservazzjonijiet li għamlet din il-Qorti fil-kawża "**Evan Tony Camilleri v. Michelina Vella**" deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2003, dwar dak meħtieġ biex tirnexxi azzjoni bażata fuq il-vjolenza u/jew għemil doluż. Dawn huma l-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti:

> *"13. Niġu issa għall-aggravju fil-meritu – li huwa l-qofol proprju tal-vertenza bejn il-partijiet – iġifieri li l-ewwel Qorti kien messha akkoljiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u indirettament allura laqgħet it-talbiet rikonvenzjonali tagħha, li l-konvenju de quo ffirmat bejn il-kontendenti kien wieħed ivvizzjat b'għemil doluż u/jew ingann u/jew vjolenza morali.*
>
> *14. In sostenn ta' dan l-aggravju l-appellanti konvenuta tagħmel riferenza għal diversi siltiet mid-deposizzjonijiet mogħtija quddiem l-ewwel Qorti u tiċċita wkoll dottrina legali in materja mill-Pothier u mill-Giorgi. Skond l-appellanti l-kriterji applikabbli f'każi ta' din ix-xorta fir-rigward tal-vjolenza "huma ta' natura soġġettiva" u dan għaliex "kollox jiddependi mill-impressjoni li ċerta atti jagħmlu fuq il-volonta` tal-kontraenti".*
>
> *Dwar dan l-aggravju fil-meritu din il-Qorti fl-ewwel lok tirribadixxi l-prinċipju li sakemm ma jkunx hemm raġuni jew raġunijiet li juru xort' oħra, din il-Qorti ma tiddisturba qatt leġġerment l-evalwazzjoni tal-provi magħmulha mill-ewwel Qorti, dik iġifieri li quddiemha jkunu tressqu l-istess provi. Minbarra dan, bir-rispett kollu lejn l-awturi ċeleberrimi ċitati mill-appellanti, fl-aħħar analisi huwa l-ġudikant li jkun qiegħed jisma' u jevalwa l-provi li lilu tispetta li jagħti d-deċiżjoni finali. Huwa minnu li l-konvenuta hija mara anzjana u mhux miċħud lanqas li din il-mara, almenu minn dak li jittrapela mill-provi, kienet persuna li tbati minn stat ta' ansjeta` u titubanza imma dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ġew debitament mistħarrġa mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Hawn ma kienx każ ta' xi promessa jew rabta bil-fomm imma firma fuq att ta' konvenju magħmul u redatt minn nutar. Hawn si tratta ta' atti ta' persuna li, minkejja l-attribuzzjonijiet kollha infeliċi ta' żbilanċ mentali, dubbji, attakki ta' ansjeta`, ħass ħażin u idjonsinkresiji oħra negattivi li bihom suppost hija afflitta l-appellanti, din kienet persuna mentalment sana u li kienet kapaċi tagħraf l-import ta' dak li hija riedet tagħmel volontarjament. Kif anzi osservat l-ewwel Qorti*

> *"...jirriżulta li l-istess konvenuta f'okkażjonijiet oħra kienet ippruvat tbiegħ l-imsemmi fond lill-persuni oħra u dawn innegozjati sfrattaw għal raġunijiet indipendenti mill-volonta` tagħha."*

*Dan kollu juri li ma kien hemm xejn sorprendenti u barra minn normalita` li l-konvenuta in segwitu għaddiet biex ftehmet minflok ma' ħaddieħor, iġifieri ma l-appellat. Mhux hekk biss imma jirriżulta wkoll, u hekk insibu fis-sentenza appellata, li,*

> *"Kienet hi (i.e. l-appellanti) li imponiet il-prezz konvenut wara diversi negozjati bejn il-kontendenti u kienet ukoll attendiet għall-iffirmar tal-kuntratt wara li anke ddiskutiet ilbejgħ ma' konsulent legali tagħha..."*

*Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod hawn tirrepeti <u>verbatim</u> dak li kompliet tikkostata l-ewwel Qorti dwar il-komportament u l-istat mentali tal-konvenuta f'din il-viċenda. Din il-Qorti, wara li rat ix-xhieda, hija sodisfatta li dak li ġie debitament ikkostatat mill-ewwel Qorti u finalment deċiż, kien sostanzjalment ġust u korrett. Dak li evidentement ġara f'dan il-każ hu li wara li ġie konkjuż il-ftehim ta' l-att tal-konvenju, il-konvenuta reġa' bdielha imma dan seħħ meta kien allura tard wisq. Wara kollox, u kif mill-ġdid tajjeb ġie rilevat mill-ewwel Qorti, "Għalhekk isiru konvenji"."*

16. Jidher ċar minn dan it-tagħlim kollu li, f'din il-kawża, l-attriċi ma resqitx viċin biex turi li kien hemm theddid ta' vjolenza fiżika u li ma setgħetx taħrab minnu ħlief billi tiffirma l-kuntratt. Kien hemm tensjoni bejn il-partijiet minħabba diżgwid familjari, iżda dan ma jwassalx biex jitħassru l-arranġamenti li jseħħu per konsegwenza ta' dak id-diżgwid. In-nutar li ħadem fuq l-att xehed li kellem lill-attriċi u qalilha kemm-il darba biex tavviċina avukat ta' fiduċja tagħha, iżda hi ma riditx. Hu qal li ma kinitx kuntenta b'dak li kien sejjer isir, iżda kienet se tiffirma. Qal testwalment li kieku kellu suspett li hi kienet imġiegħla, ma kienx jippublika l-kuntratt – "*ma kelli ebda impressjoni li kienet imġiegħla*".

17. Ma jirriżultax lanqas li l-konvenut inganna jew qarraq bl-attriċi. Din tgħid li hu nganna lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja meta stqarr li l-proprjeta` immobbli xtrahom mill-flus parafernali tiegħu meta dan ma kienx minnu. Apparti l-fatt li l-konvenut wera li dak li stqarr jista' jkun minnu, l-attriċi kienet ben konxja li skont hi, l-konvenut kien qed jigdeb meta għamel din l-istqarrija u bl-ebda mod ma ġiet ingannata. Jekk kien hemm ingann, it-tnejn ipparteċipaw fih għax tali dikjarazzjoni saret *tramite*` nota konġuntiva, u jekk sar xi ngann dan kien fil-konfront tal-Qorti, u għall dan hemm rimedji oħra.

18. Din il-Qorti, għalhekk, ma tarax li l-attriċi ppruvat il-każ tagħha, u sejra tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

19. Fil-kuntest tal-appell inċidentali tal-konvenut, dan jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti waħħlitu kwart mill-ispejjeż tal-kawża. Kif osservat l-attriċi, pero`, l-ewwel Qorti tat deċiżjoni preliminari li in forza tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawża, u rriservat l-ispejjeż tal-istess deċiżjoni għall-ġudizzju finali. Kien għalhekk li l-ewwel Qorti addebitatu parti mill-ispejjeż tal-kawża u din il-Qorti taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti mxiet.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell prinċipali tal-attriċi kif ukoll mill-appell inċidentali tal-konvenut billi tiċħadhom it-tnejn u tikkonferma bis-sħieħ is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu billi dawk marbuta mal-appell prinċipali jitħallsu mill-attriċi, u dawk marbuta mal-appell inċidentali jitħallsu mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm